**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONI ABELA LL.D.**

**Rikors numru 2193/2023TA**
**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1245/01**

**Dr. Tonio Fenech et**

**vs**

**Dr. Patrick Spiteri pro et noe**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Patrick Spiteri (ir-rikorrent) tal-21 ta' Novembru 2023.

Rat ir-risposta ta' Dr.Tonio Fenech u Dr. Kennet Grima bħala mandatarji speċjali tal-assenti Ronald Luther Philips (l-intimat) tad-29 ta' Diċembru 2023.

Rat l-atti kolha fil-proċedura.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partiiet fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2024.

Rat li ir-rikors tħalla għal digriet in camera.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrent qiegħed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1245/01 fl-ismijiet premessi fid-dawl tas-sentenza moghtija fil-15 ta' Novembru 2023 fl-ismijiet premessi.

Din hija sentenza li ngħatat fuq istanza tal-Avukat Godwin Muscat Azzopardi. Dan l-appell kien jittratta Sentenza li ingħatat mill-Prim Awla Qorti Ċivili fil-konfront kemm tar-rikorrrent u kif ukoll ta' Dr. Godwin Muscat Azzopardi fit-30 ta' Ġunju 2016. Dik il-Qorti kkundannat lil dawn it-tnejn sabiex iħallsu lill-Atturi nomine f'dik il-Kawża s-somma kapitali ta` sitt mija disgħa u disgħin elf, sitt mija disgħa u għoxrin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€699,629.21) ekwivalenti għal ħames mija sebgħa u sebgħin elf, ħames mija tlieta u erbgħin Lira Sterlina u tnejn u disgħin pence (GBP 577,543.92) skont ir-rata tal-kambju ta` bejn l-Ewro u l-Isterlina ta` żero punt tmienja tnejn ħamsa ħamsa (0.8255) kif kienet qiegħda tidher fil-ħin tad-09:00am tal-lum fil-website tal-Bank Ċentrali ta` Malta. Fuq is-somma kapitali għandu jiddekorri imgħaxx ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena, b`effett mill-24 ta` Lulju 1998 sad-data tal-effettiv pagament.

Minn dik is-sentenza appella biss fil-ħin Dr. Godwin Muscat Azzopardi. Bis-Sentenza tagħha tal-15 ta' Novembru 2023, il-Qorti tal-Appell, laqgħat it-talbiet tal-Avukat Godwin Azzopardi u rrevokat is-Sentenza appellata sa fejn din kien tirrigwardaħ u qalet hekk:

"*thassaraha ghal kollox fil-bqija u filwaqt li tilqa' parzjalment it-tieni eccezzjoni tal-konvenut appellant Dr. Godwin Muscat Azzopardi billi tiddikjara li l-obbligazzjoni mertu ta' din il-Kawza hija minghajr effett, <u>ghaliex imsejsa fuq kawza illecita'</u> u tichad it-talbiet kollha tal-attur nominee*". (Emfazi tal-Qorti).

Issa artikolu 238(2)(b) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi li "t-tħassir jew it-tibdil ta' sentenza jiswa lill-parti illi fuq talba tagħha jkun ġie mogħti t-tibdil jew it-tħassir ta' dik is-sentenza.(2) Dak it-tħassir jew tibdil jiswa wkoll lil dawk (a) illi jkollhom <u>interess</u> dipendenti essenzjalment <u>minn dak tal-parti li fuq talba tagħha jkun ġie mogħti t-tħassir jew it-tibdil tas-sentenza</u>;" (Emfazi ta' din il-Qorti).

Issa din il-kelma "interess" ġiet interpretata mill-**Qorti tal-Kummerċ fit-8 ta' April 1899 in re "Brockdorff –vs- Pace Balzan" (Kollez Vol XVII pIII p15)** fis-sens illi *"appena e` necessario di aggiungere che l'interesse, ossia il motivo della domanda giudiziale deve essere concreto, e sussistere di fronte a colui contro il quale la domanda viene proposta*". Proprju minn dan allura jista' joħroġ l-interess li jissostanzja t-talba u l-appell b'leġittimu kontradittur (**Kollez. Vol XXXIII pI p662**).

Minn eżami tal-atti jirriżulta b'mod ċar li anke r-rikorrent ta l-istess eċċezzjoni, jekk, mhux ukoll verbatim, tal-kawża illeċita bhal Dr. Godwin Azzopardi. Di fatti fl-istess Sentenza tal-Appell il-Qorti għalhekk qalet hekk:

"*Bħall-konvenuti l-oħrajn, Spiteri qajjem ukoll id-difiża li huma ma kellhom ebda relazzjoni kontrattwali mal-atturi u li minbarra li l-Atturi iridu jipprovaw li l-provenjenza tal-flejjes mitluba minnhom kienet nadifa għaliex fin-nuqqas t'hekk l-azzjoni tagħhom tkun milquta bl-illeċitu*" (Emfazi tal-Qorti para 4 tas-Sentenza).

Għalhekk l-eċċezzjoni tar-rikorrent hija għal kollox l-istess bħal dik ta' Dr. Godwin Muscat Azzopardi u li minħabba fiha ġie milqugħ l-appell ta' dan ta' l-aħħar. Il-Qorti ta' l-Appel saħansitra fliet il-mandat ta' inibizzjoni odjern (para 13 tas-Sentenza tal-appell.)

Għalhekk din il-Qorti tara li japplikaw fil-konfront tar-rikorrenti l-effetti tal-artikolu 238(2)(a) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta minħabba li dan għandu kjarament interess dipendenti essenzjalment minn dak tal-parti li fuq talba tagħha jkun ġie mogħti t-tħassir jew it-tibdil tas-sentenza. Dan ifisser ukoll, li kif jiddisponi l-artikolu 836(1)(f) ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tilqa' it-talba tar-rikorrenti kif mitluba u tordna l-ħruġ tal-kontromandat opportun.

Spejjes jibqgħu bla taxxa.

Illum, 7 ta' Frar, 2024

**Onor. Imhallef Toni Abela LL.D.**